*REVOKA MANDAT SEKWESTRU KAWTELATORJU*

*836(1)(D) U (F) TAL-KAP 12*

*838 A TAL-KAP 12*

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## MHALLEF

## ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

## Digriet tal-lum il-Hamis, 16 ta' Mejju 2019

**Rikors Guramentat Numru : 1203/2018/LSO**

**Josephine Azzopardi**

**vs**

**Angelo Farrugia ID 813747M u**
**Clayton Farrugia ID 401287M**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ghal revoka ta' Mandat ta' Sekwestru ta' Angelo Farrugia u Clayton Farrugia datat 3 ta' Dicembru 2018 fejn jinghad bil-qima :

Illi l-mandat hawn fuq riferit sar kontra Clayton Farrugia meta l-istess Clayton Farrugia qatt ma kellu relazzjoni guridika mal-istess Josephine Azzopardi.

Illi huwa t-tifel ta' Angelo Farrugia u Josephine Farrugia u ghamel zmien kien joqghod maghhom fil-post Block C, Flat 31, Sur Fons Street, San Giljan, proprjetà ta' Josephine Azzopardi imma ilu li telaq mis-sena 2011 u mar joqghod fil-post 84, Triq il-Fortizza, Pembroke.

Illi meta Josephine Azzopardi ghamlet il-kawza kostituzzjonali biex jigi ddikjarat li gew lezi d-drittijiet taghha fundamentali minhabba l-ligi tal-1979, l-istess Angelo Farrugia u Clayton Farrugia peress li ma kellhom l-ebda nteress ma ntervenewx lanqas biex jirrispondu ghall-istess kawza. Illi fil-fatt irrispondietha l-omm Josephine Farrugia, f'isimha biss. Hemm dubju wkoll jekk qatt gewx notifikati huma. Barra minn hekk ma ppartecipawx bl-ebda mod fl-appell.

Illi ma kien hemm l-ebda raguni ghala mandat ta' sekwestru u danni jigu proposti kontra Clayton Farrugia illi qatt ma vanta xi titlu fuq il-post proprjetà ta' Josephine Azzopardi.

Min-naha l-ohra Angelo Farrugia kien telaq il-fond wara s-separazzjoni minn ma’ martu.

Illi b’ ittra ufficjali tal-5 ta' Settembru 2018 l-istess Clayton Farrugia baghat jintima lil Josephine Azzopardi halli tnehhi l-mandat u dan ghar-ragunijiet ovvji li huwa qieghed isofri dannu gravissimu minhabba mandat vessatorju u li qed isir bla ebda raguni valida fil-ligi.

Illi I-istess Clayton Farrugia kien qieghed fi process li jaghmel kuntratt t'akkwist ta' post band'ohra peress li fil-post 84, Triq il-Fortizza, Pembroke jghix ma' missieru u dan biex ikollu post ghal rasu, pero` gie mwaqqaf u lanqas jista' jiehu *loan* minhabba I-mandat li sar. Illi ghalhekk id-danni minnu sofferti huma konsiderevoli barra I-ispejjez li saru possibbli ghal danni minhabba nuqqas ta' adempjenza mal-konvenju patwit.

Illi I-bazi tas-sekwestru huwa li r-rikorrenti kienu qed jokkupaw bla titlu. Danni jinghataw meta jkun hemm okkupazzjoni abbuziva u mhux meta jkun hemm esekuzzjoni ta' ligi li wara tigi dikjarata li f'partijiet taghha tigi dikjarata li jivvjola d-drittijiet fondamentali tas-sid, u meta mbaghad ukoll il-Parlament fuq parir tal-Qorti Ewropea stess, jillegisla halli jissana s-sitwazzjoni. Ghal dan il-kaz, apparti li I-esponenti ilhom li telqu, u ghall-kazijiet ohra simili, ma jistax jinghad li hemm gudizzju li jghid li min kellu cens temporanju u baqa' wara u sahansitra ghadu hemm, ghamel okkupazzjoni bla titlu. Il-principju ma nbidilx li "*qui suo iure utitur non videtur iniuriam facere."*

Illi fi kwalunke kaz, Josephine Azzopardi ghandha tigi ordnata taghti garanzija ekwivalenti ghall-ammont minnha mitlub u jekk ma tiddepozitahx jew ggib garanzija bankarja, l-istess mandat ma jibqax fis-sehh.

Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrevoka l-mandat ta' sekwestru 953/2018 mahrug minn din l-Onorabbli Qorti u dan ghar-ragunijiet premessi, u fi kwalunke kaz, Josephine Azzopardi ghandha tigi ordnata taghti garanzija ekwivalenti ghall-ammont minnha mitlub, u jekk ma tiddepozitahx jew iggib garanzija bankarja, l-istess mandat ma jibqax fis-sehh.

B'riserva ta' kull azzjoni ghad-danni sofferti mill-istess Clayton Farrugia u Angelo Farrugia. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-istess Josephine Azzopardi.

Rat id-digriet tal-14 ta' Dicembru 2018 (fol 3) ghar-rikors prezentat fit-3 ta' Dicembru minn Angelo Farrugia u Clayton Farrugia. Ordnat qabel xejn lir-rikorrent biex jesebixxi kopja legali ta' l-istess Mandat ta' Sekwestru. Ordna n-notifika lill-kontro-parti li permezz ta' risposta fi zmien ghaxart (10) ijiem min-notifika ta' l-istess ghandhom jaghtu r-ragunijiet ghaliex it-talbiet tar-rikorrenti m'ghandhomx jintlaqghu; u appunta r-rikors ghas-smigh ghall-Hamis 17 ta' Jannar 2019 fid-9:30a.m.

**Rat ir-risposta ta' Josephine Azzopardi (ID Nru. 179376(M)) datata 7 ta' Mejju 2019 (fol 17) fejn esponiet umilment :**

Illi din hija t-twegiba tal-esponenti ghar-rikors tal-intimati Angelo u Clayton Farrugia datat 3 ta' Dicembru 2018, permezz ta' liema qed jitolbu li dina l-Onorabbli Qorti tirrevoka l-mandat odjern ghar-ragunijiet hemmhekk premessi u fl kwalunkwe kaz timponi garanzija ghaz-zamma fis-sehh tal-istess mandat.

Illi l-esponenti qed toggezzjona ghal din it-talba u dana ghal diversi ragunijiet senjatament :

1. Illi fl-ewwel lok, anke minn qari attent tar-rikors odjern ma jirrizultawx l-estremi ghar-revoka tal-mandat kawtelatorju ghal ebda wahda mir-ragunijiet mehtiega a tenur tal-**art. 836(1) tal-Kodici t'Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta).** Fuq kollox huma l-istess intimati li ma jaghmlu referenza ghal ebda wahda minn dawn ir-ragunijiet fir-rikors taghhom.

2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghall-premess, huwa car li dak li l-intimati Farrugia qed jikkontendu <u>huwa riferibbli proprju ghall-mertu tal-kawza odjerna</u> u cioe` (i) in-natura u z-zmien tal-okkupazzjoni abbuziva taghhom tal-proprjeta` mertu tal-kawza li taghha hija sid l-esponenti u (ii) l-applikabilita` *o meno* tal-protezzjoni retrospettiva moghtija lilhom mill-lstat permezz ta' ligi introdotta *ad hoc* proprju *in vista* tal-azzjonijiet legali proposti mill-esponenti u minn hutha fil-konfront tal-okkupanti tal-proprjeta` taghha. Dawn huma kjarament punti li din l-Onorabbli Qorti ser tkun qed tintalab tiddeciedi u li effettivament jikkostitwixxu l-mertu

shih tal-azzjoni odjerna. F'dan ir-rigward jinsab regolarment deciz mill-Qrati Taghna:

"*Illi fil-fatt jista' jinghad li dak li trid taghmel il-Qorti f'din il-procedura huwa biss sabiex tezamina 'prima facie' jekk min hareg il-mandat kellux pretensjoni legali ghall-istess, u dan indipendentement jekk tali pretensjoni hijiex fondata jew le, peress li dan l-ahhar ezami jifforma l-mertu tal-kawza, li din il-Qorti bil-procedura premessa, ovvjament ghandha thalli fil-gudizzju taghha, jew ta' Qorti ohra, ghall-ezitu tal-kawza.*" **P.J. Sutters Company Limited vs Concept Limited"** - P.A. (RCP). 10 ta' Mejju 2001; "**Visa Investments Ltd vs Blye Engineering Co. Ltd**" P.A. (RCP) 7 ta' Frar 2001 - enfazi mizjuda)". (*Vide* wkoll "**John Zarb vs Port Cottonera Ltd**" tas-16 ta' Settembru 2002 per Onor. Imhallef Dr. T. Mallia fost hafna ohrajn).

Huwa car li, minghajr ma wiehed jindaga l-mertu tal-kaz odjern, l-esponenti ghandha jedd 'prima facie' li titlob hsara ghall-okkupazzjoni tal-fond taghha. Hija din il-pretensjoni legali li fuqha jinsab imsejjes il-mandat odjern u li, fil-fatt, tiggustifika l-hrug tal-mandat odjern.

3. Illi, *perdipiu`*, fir-rigward tat-talba odjerna ma jistghux l-intimati jilmentaw min-naha l-wahda illi almenu l-intimat Clayton Farrugia ivvaka l-fond u fl-istess nifs jippruvaw jirreferu wkoll ghal-ligi li, skont huma, ghandha tipprotegihom fl-okkupazzjoni taghhom - liema protezzjoni hija fi kwalunkwe kaz dipendenti proprju fuq l-okkupazzjoni taghhom. Huwa car li jekk l-esponent tirnexxi fl-azzjoni

taghha sabiex din il-ligi wkoll ma tibqax taghmel stat bejn il-partijiet, hija tkun tista' tippretendi wkoll kumpens ghall-okkupazzjoni da parti tal-lntimati kollha *in solidum* bejniethom.

4. Illi finalment u wkoll minghajr pregudizzju ghall-premess, jehtieg li jigi nutat ukoll li dak kollu li jinsab allegat mill-intimat Clayton Farrugia permezz tar-rikors odjern jinsab **ampjament michud u kontradett mill-istess risposta guramentata tieghu** kif intavolata fl-atti tal-kawza fl-ismijiet «Josephine Azzopardi noe. et. v. Onor. Prim' Ministru et» (Rik. 89/2014JZNf). Hemmhekk l-intimati Farrugia mhux talli qalu li ma kellhomx relazzjoni guridika mal-esponenti *«ma kellhom ebda interess ma ntervenewx lanqas biex jirrispondu ghall-istess kawza»* (kif hawnhekk minnhom allegat) imma talli sahansitra l-lntimat Clayton Farrugia kkonferma tramite r-risposta guramentata tieghu li «l-esponenti, jekk kellu jinghata r-rimedju tal-izgumbrament, ikunu vittmi ta' vjolazzioni taht l-Artiklu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittiiiet tal-Bniedem, kif ukoll ta' vjolazzioni tal-Artiklu 6 jekk jigu mxekkla fid-dritt taghhom ta' difiza f'kawza li tista' tigi intentata kontra taghhom.» (enfazi mizjuda). Dan kollu jirrizulta wkoll ampjament citat fis-sentenza relattiva datata 28 ta' Settembru, 2017 moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti kif diversament presjeduta (kopja hawn annessa u mmarkata Dok. 'A').

5. Illi ghaldaqstant fir-rigward tal-intimat Clayton Farrugia huwa issa konvenjenti ferm ghalih li, wara li ghamel dan kollu, jittenta jehles mill-effetti tal-mandat odjern

semplicement billi jikkontendi li huwa m'ghadux jokkupa l-fond in ezami u li qed ifittex li jiehu self fuq ismu prevja konvenju f'ismu, dan meta fl-ebda waqt ma kkontenda dan fil-proceduri surreferiti imma, fil-fatt, iddikjara li huwa kien persuna li timmerita protezzjoni legali anke a skapitu tal-istess esponenti bhala sid il-fond u wkoll li jekk il-ligi ma tibqax fis-sehh fil-konfront tieghu jigi li jitlef id-dritt ghad-dar tieghu. Fuq kollox l-art. 836(2) tal-Kodici t'Organizzazzjoni u Procedura Civili jaghmilha cara li *«l-Persuna li taghmel ir-rikors skont is-subartikolu (1)* ***<u>ghandha flimkien mar-rikors</u>****, tipprezenta bil-miktub is-sottomissjonijiet kollha li tkun trid taghmel* ***<u>flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu t-talba li tkun trid tipprezenta</u>****»* (enfazi mizjuda). Minkejja l-allegazzjonijiet kollha tieghu Clayton Farrugia baqa' ma ressaq ebda dokumentazzjoni li tista' b'xi mod tiggustifika l-allegazzjoni tieghu. Ghaldaqstant ma gew pruvati l-ebda danni a tenur tal-art. 838A tal-Kodici **t'Organizzazzjoni u Procedura Civili** u konsegwentement m'hemm lok ghall-impozizzjoni ta' ebda garanzija f'dan ir-rigward.

6. Illi *multo magis* fir-rigward tal-intimat Angelo Farrugia, dan jikkontendi li *« kien telaq mill-fond vara s-separazzjoni minn ma' martu ».* Huwa car li att bhal dan, anke fl-assenza tal-okkupazzjoni tal-fond, jirrendi *ex admi*ssis lill-istess intimat Angelo Farrugia responsabbli fil-konfront tal-esponenti ghad-danni sofferti minnha *stante* li, minflok kif kien tenut jaghmel ra li jirritorna lura lill-esponenti c-cwievet tal-fond, ghamel kapital mill-istess proprjeta` billi, skont ma

qal hu stess, trasferixxa l-istess fond proprjeta` tal-esponenti lil martu biex ikun jista' jissepara minn maghha.

7. Illi ghaldaqstant fir-rigward tal-intimat Farrugia wkoll jista' jinghad li huwa issa konvenjenti ferm ghalih li wara li ghamel dan kollu jittenta jehles mill-effetti tal-mandat odjern semplicement billi jikkontendi li huwa m'ghadux jokkupa l-fond in ezami, dan meta kien huwa stess li trasferieh lill-intimata l-ohra Josephine Farrugia li, konvenjentement ukoll hija nulla tenenti, minghajr il-kunsens tal-esponenti u b'mod li b'hekk seta' talvolata pregudika drittijiet tal-istess esponenti.

8. Illi finalment jigi mtenni li dan kollu qed jinghad interament minghajr ebda pregudizzju ghall-fatt li l-aspetti surreferiti huma Ikoll relattiv ghall-mertu tal-kaz odjern. Jibqa' bhala fatt li matul il-proceduri kostituzzjonali fl-ismijiet '**Josephine Azzopardi noe. et. v. Onor. Prim Ministru et.'** (Rik. Nru. 89/2014JZM) l-ebda wiehed jew wahda mill-intimati f'dawk il-proceduri ma qal li ma kienx qed jirrisjedi fil-fond proprjeta` tal-esponenti, anzi l-intimati kollha ddefendew il-pussess taghhom tal-fond bhala d-dar taghhom kif jinsab hemmhekk dettaljat mill-bidu nett sat-tmiem tal-istess proceduri. Dan fih innfisu huwa sufficjenti sabiex juri li l-intimati kollha huma responsabbli *in solidum* bejniethom ghad-danni sopportati mill-esponenti *in vista* ta' tali okkupazzjoni taghhom. Ma jistax jigi permess illi issa biss, ghaliex giet intavolata kawza ghad-danni sofferti, il-partijiet li ghandhom fondi x'jaghmlu tajjeb ghal tali danni u li ghalihom huma kjarament u almenu fuq bazi *prima facie*

<u>responsabbli, konvenjentement jippruvaw jargumentaw li l-mandat m'ghandux ghalfejn jibqa' fis-sehh fil-konfront taghhom ghaliex issa m'ghadhomx jirrisjedu hemm imma qed tirrisjedi biss hemm l-uniku persuna li minnhom li m'ghandhiex ghaxja ta' lejla. L-intimat Clayton Farrugia kien jaghmel tajjeb li qabel jipprova jehles mill-mandat odjern u jitfa' t-tort fuq ommu jipprova jiehu self ghalih u ghal ommu sabiex jadempixxi mal-obbligu tieghu taht l-art. 8 tal-Kodici Civili li jipprovdi espressament ghall-obbligu tal-ulied fil-konfront tal-genituri taghhom. L-obbligu tal-intimati Farrugia f'dan il-kaz kien li jirritornaw ic-cwievet tal-fond lill-esponenti mal-gheluq tac-cens jew malli vvakkaw il-fond u mhux li jittrasferixxu lil terzi tali pussess u jippretendu li jistghu jaghmlu dan impunement.</u>

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha moghtija hawn fuq l-esponenti huma tal-umli fehma li dina l-Onorabbli Qorti ghandha tichad it-talba tal-intimati Farrugia kif dedotta permezz tar-rikors taghhom datat 3 ta' Dicembru 2018 fl-intier taghha bl-ispejjez tal-procedura odjerna jigu soppostati interament mill-istess intimati Farruiga.

Rat ir-rikorsi ta' Clayton Farrugia datati 13 ta' Marzu 2019 a fol 83, u 11 ta' April 2019 a fol 86 tal-process, fejn talab lill-Qorti joghgobha tirrikjama l-kaz ghal data aktar vicina possibbli biex l-istess jigi trattat u deciz u biex jigu evitati l-problemi kollha li kien hemm in-notifka tal-appuntament tinghata lil Dr Philip Magri li dejjem jippatrocinja lill-istess Josephine Azzopardi, u pprezenta r-risposta; u l-Qorti

laqghet it-talba u irrikjamat il-kaz ghat-2 ta' Mejju 2019 fid-9:30am.

Rat il-verbal tas-seduta tal-Hamis, 2 ta' Mejju 2019 fejn meta ssejhet il-kawza dehru l-partijiet. Deher Dr Philip Magri. Dr Joseph Brincat imsejjah tliet darbiet ma deherx. Il-kawza giet posposta ghall-11:30a.m. Meta regghet ssejhet il-kawza dehru l-partijiet debitament assistiti. Xehdu bil-gurament taghhom: Clayton Farrugia, li prezenta Doks CF1 sa CF 13; u Angelo Farrugia, li pprezenta Doks AF1 sa AF3, liema xhieda giet registrata fuq is-sistema eletronika. Dr Philip Magri prezenta nota b'dokumenti. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet minn Dr Joseph Brincat u Dr Philip Magri. Il-kawza giet differita ghal digriet kamerali.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi dan huwa rikors ipprezentat minn Angelo u Clayton Farrugia ghar-revoka ta' Mandat ta' Sekwestru numru 953/2018, li nhareg fuq talba tal-intimata ezekutanti Josephine Azzopardi, in kawtela tad-danni allegatament sofferti ghall-okkupazzjoni tal-fond Block C, Flat 31, Sur Fons Street San Giljan, fl-ammont ta' €150,000. Il-mandat ta' sekwestru in kwistjoni gie pprezentat wara li gew intavolati proceduri Kostituzzjonali fl-ismijiet **Josephine Azzopardi pro et noe et vs l-Avukat Generali u Angelo Farrugia u Clayton Farrugia,** liema kaz (89/14) (JZM) gie

deciz fit-28 ta’ Settembru 2017, fejn gie determinat li Angelo Farrugia, Josephine Farrugia u Clayton Farrugia ma setghux igawdu mill-protezzjoni tal-artikolu 12A tal-Kap 158 tal-ligijiet ta' Malta, kwindi ma setghux ikomplu jirrisjedu fl-imsemmi fond. Is-sentenza hija esebita fl-atti a fol 21 *et sequens*.

Ikkonsidrat li r-rikorrenti qed jitolbu t-thassir tal-mandat ta’ sekwestru in kwistjoni, billi ssottomettew li ma kien hemm ebda raguni li l-mandat ta’ sekwestru u danni jigu proposti kontra Clayton Farrugia, *stante* li hu qatt ma vvanta titolu fuq il-fond *de quo*, filwaqt li Angelo Farrugia kien telaq minn dan il-fond wara li ssepara minn ma’ martu.

**Kunsiderazzjonijiet ta’ Dritt:**

Illi dan ir-rikors qed isir abbazi tal-**artikolu 836 tal-Kap 12** li jipprovdi:

*“**836.** (1) Minghajr ebda pregudizzju ghal kull jedd iehor taht dan il-Kodici jew kull ligi ohra, l-intimat li jkun inhareg att kawtelatroju kontrih jista’ jaghmel rikors lill-qorti li tkun harget l-att kawtelatorju, jew inkella jekk tkun saret kawza, jista’ jaghmel rikors lill-qorti li tkun qeghda titratta dik il-kawza li fih jitlob l-att kawtelatorju jigi revokat, sew ghal kollox jew f’parti minnu, ghal xi wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin:*

*(a) li l-att kawtelatorju m’ghadux aktar fis-sehh;*

*(b) li wahda mill-htigijiet tal-ligi ghall-hrug tal-att kawtelatorju ma tkunx ghadha fil-fatt tezisti;*
*(c) li jkun hemm garanzija xierqa ohra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' min ikun talab il-hrug tal-att kawtelatorju sew bil-hrug ta' att kawtelatorju iehor, jew inkella jekk dik il-garanzija ohra tista' ghas-sodisfazzjon tal-qorti tassigura bizzejjed il-pretensjoni;*
*(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx 'prima facie' gustifikat jew ikun eccessiv; jew*
*(e) jekk il-garanzija moghtija titqies mill-qorti li tkun bizzejjed; jew,*
*(f) jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att katelatroju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli."*

Illi kif inghad bosta drabi fi proceduri bhal dawn, l-istharrig li ghandha taghmel il-Qorti huwa biss wiehed *prima facie* u dan ghaliex il-mertu jmissu jigi mistharreg fil-kawza proprja bejn il-partijiet (Ara P.A. (RCP 7 ta' Frar 2001 (**"Visa Investments Ltd. vs Blye Engineering Co. Ltd"**).

Illi ghandu jinghad ukoll li dak li l-Qorti trid tasal ghalih f'dawn il-proceduri ma ghandu bl-ebda mod jitqies li jkun qieghed isir xi gudizzju fil-mertu dwar. L-istharrig mehtieg fi procedura bhal din huwa marbut ma' ezami x'aktarx formali ta' l-att li tieghu qieghed jintalab ir-revoka. Il-Qorti ghandha tistharreg li r-rekwiziti mitluba mil-ligi ghall-hrug tal-mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nharigx b'mod abbuziv. (Ara Kumm. GMA 23 ta' Gunju 1994: **"Paul Hili et vs Dr. Joselle Farrugia nomine et"**). Illi dan ifisser illi l-Qorti ghandha tistharreg fl-ewwel lok jekk jirrizultax mad-daqqa t'ghajn li r-

rikorrent ezekutat ghandu bazi ta' pretensjoni. Il-Qorti trid tkun gwidata mill-principju li d-dritt ghall-azzjoni gudizzjarja ma ghandux jigi mxejjen jew imgarrab b'leggerezza u l-iehor daqstant siewi li huwa dritt li persuna thares l-interessi taghha sakemm il-jedd sostantiv lilha kkontestat jigi definit minn Qorti. ("**Vincent Mercieca vs George Galea**" – P.A. (RCP) 29 ta' Novembru 2001; **"Technobroadcast s.r.l. vs Mediterranean Broadcasting Limited"** - P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2007).

Tajjeb jigi osservat, li ma gie indikat l-ebda wahda mir-ragunijiet rikjesti fis-subincizi tal-artikolu 836 tal-Kap 12.

Illi jidher li t-talba tal-eżekutata timplika sejħa taħt l-artikolu 836 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan għaliex ma hemm l-ebda dispożizzjoni oħra fil-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili li titkellem dwar rimedju għat-tħassir ta' Mandati kawtelatorji. Qari tar-rikors tal-istess eżekutati juri li ma jsemmux espressament l-ebda waħda mid-dispożizzjonijiet tal-imsemmi artikolu 836(1) u baqghu hekk siekta anke fit-trattazzjoni. L-eżekutanti, fid-dawl ta' dan il-fatt, tishaq li dan juri kemm m'ghandhomx ragunijiet fuq x'hiex jistriehu ghalhiex lanqas fissru huma stess ir-ragunijiet skont kif proposti f'dak l-artikolu proceduralі. Dwar dan, l-eżekutanti għandha xi ftit tar-raġun.

Kif gie ritenut minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fid-decizjoni **Doris Catania et v Evelyn Farrugia** (PA JRM - 14 ta' Awwissu 2014[1]):

[1] **Rikors Numru. 574/2014**

"*Il-Qorti tqis li, mill-kliem tal-liġi, jidher li huwa meħtieġ li meta persuna tressaq rikors għat-tħassir ta' Mandat kawtelatorju maħruġ kontra tagħha, din għandha tgħid għal liema raġuni tkun qegħda titlob li dan isir. Dawk ir-raġunijiet jistgħu jkunu aktar minn waħda, imma dejjem iridu jkunu jaqgħu fil-kategorija tas-sitt ċirkostanzi tassattivi li jissemmew fl-artikolu 836(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura. Nuqqas bħal dan tqies mill-Qrati tagħna li jkun "fatali għat-talbiet tal-istess rikorrent."*[2]

*"Illi l-Qorti tifhem u temmen bis-sħiħ li jkun biżżejjed għas-siwi tar-rikors li l-kliem użat mir-rikorrent ikun sostanzjalment jaqbel mal-kliem misjub fid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 836(1), ukoll jekk ir-rikors ma jiċċitax espressament l-istess dispożizzjonijiet, u dan b'ħarsien ukoll tar-regola li wieħed għandu jħares u jimmira aktar li jagħmel ħaqq milli jintilef f'formaliżmu żejjed. Iżda lil hinn minn hekk, m'għandu qatt jinftiehem li l-ilment ta' rikorrent kontra l-ħruġ kontrih ta' Mandat kawtelatorju jista' jiġi implikat b'xi analoġija jew taħlita ġenerika li ma tissarrafx f'ċirkostanza waħda jew aktar minn dawk imsemmija fl-artikolu rilevanti."*

Minn ezami tar-rikors wiehed isib li l-ezekutati qed jillanjaw li l-ezekutanti m'ghandhiex jedd *prima facie* biex tivvanta pretensjoni tad-danni ghall-okkupazzjoni bla titlu fil-konfront taghhom. Minn dan il-Qorti tifhem li ghandha tezamina ir-rikors taht id-disposizzjonijiet tal-artikolu 836(1)(d) u (f) tal-Kap 12.

---

[2] Ara, per eżempju, P.A. RCP 10.5.2001 fl-Atti tar-Rikors fl-ismijiet Joseph Camilleri et vs Anthony Gove' et

Il-Qorti ser tghaddi biex tezamina dan l-artikolu fid-dawl tal-fatti li ghandha quddiemha.

Fil-kaz in ezami, r-rikorrenti sostnew li l-mandat in kwistjoni mhuwiex *prima facie* gustifikat fil-konfront taghhom. Jidher li qed jghidu hekk fuq zewg binarji - li ma hemmx relazzjoni guridika bejniethom u l-ezekutanti kif ukoll li l-ezekutanti m'ghandhiex jedd *prima facie* x'tivvanta. Huma jadducu primarjament is-segwenti fatti:

1. Li ma kkontestawx il-proceduri kostituzzjonjali;

2. Li kienu ilhom li telqu mill-fond in mertu, u kwindi ma kienux qed jokkupawh.

3. Li ma jistghu qatt ikunu responsabbli ghal xi danni a favur tas-sid tal-fond (l-ezekutanti) billi kienu qed jistriehu fuq jedd kostitwit *ex lege,* in forza tal-principju *qui iure suo utitur neminem laedit.*

Illi din il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tal-ezekutanti li t-tielet ilment tinvolvi indagni fil-mertu tal-kawza pendenti quddiem din il-Qorti u konsegwentement tesorbita mill-parametri tal-indagni permissibbli fuq talba bhal dik odjerna. Ghaldaqstant mhix ser tiehu kaz izjed ta' dan l-ilment.

Mir-rizultanzi ta' dawn l-atti jirrizulta li l-ezekutati qed jghidu li ma jabitawx fil-fond. Clayton Farrugia, iben Angelo, certament qatt ma kellu xi titlu ghalih billi c-cens inghata lill-missier u mhux lilu. Huwa ha l-istat tieghu, u illum il-gurnata huwa ragel li zgur m'ghandux titlu x'jivvanta fir-rigward tal-okkupazzjoni tal-fond u lanqas ghal xi danni li, semmai,

ghandhom jigu reklamati kontra l-genituri tieghu. Angelo, min-naha l-ohra, sostna li kien telaq mill-fond bosta snin ilu anke qabel ma ssepara legalment minn martu.

Min-naha l-ohra, gie sottomess mill-avukat difensur tal-intimata ezekutanti, li hadd, la Angelo Farrugia, la Josephine Farrugia u lanqas Clayton Farrugia, fil-proceduri Kostituzzjonali, ma rrilevaw li ma kinux qed jirrisjedu fl-imsemmija proprjeta`, anzi fir-risposta taghhom kienu qed jivvantaw id-dritt taghhom sabiex ikomplu joqghodu fil-proprjeta`. Ghalhekk, ma jirrizulta minn imkien fl-atti tal-kawza imsemmija, li r-rikorrenti odjernu gabu a konjizzjoni tal-Qorti l-fatt li kienu telqu mill-istess proprjeta`. Kien biss f'dan il-kaz fejn qed jintalab ir-revoka tal-Mandat ta' sekwestru in kwistjoni, li xehdu Angelo Farrugia u Clayton Farrugia, fejn esebew kopji tal-karta tal-identita u dokumenti bankarji sabiex juru li qed jirrisjedu fi proprjeta` ohra f' Pembroke. Dan il-fatt kien irrizulta waqt il-proceduri, peress li l-ezekutanti talbet kopji tar-Registru Elettorali f'April 2018 sabiex tivvaluta l-posizzjoni taghha skont l-emmendi introdotti b'Att XXVII tal-2018.

Madanakollu gie sottomess mid-difensur tal-ezekutanti, li l-pussess tal-fond baqa' jinzamm mill-ezekutati u mill-omm, Josephine Farrugia li ma kenitx parti fil-kawza. Qatt ma irrilaxxjaw dan il-pussess jew ikkonsenjaw ic-cwievet tal-fond lis-sid. Is-sentenza kostituzzjonali inghatat fis-28 ta' Settembru 2017, fejn sa dakinnhar gie deciz minn dik il-Qorti hekk:

*"Riferibbilment ukoll ghat-tieni talba, tiddikjara illi l-intimati Angelo Farrugia u Clayton Farrugia ma jistghux jistriehu*

*iżjed fuq id-dispożizzjoni tal-Artikolu 12A tal-Kapitolu 158 tal-Ligijiet ta` Malta sabiex jibqghu joqghodu fl-appartament numru 31, Block C, St Julian`s Court, Triq is-Sur Fons, San Giljan".*

Ghalhekk, fit-trattazzjoni l-avukat difensur ta' Josephine Azzopardi, sostna li l-fatt li huwa relevanti mhuwiex jekk telqux mill-proprjeta` *o meno*, izda jekk rritornawx ic-cwievet, u jekk tawx lura l-pussess legali mehtieg lill-klijenta tieghu.

Referibbilment ghall-fatt, li r-rikorrenti ezekutati qed isostnu li *se mai* il-mandat ta' sekwestru ma kellux ikun ukoll fil-konfront tal-iben Clayton Farrugia, jigi nnutat li s-sentenza esebita fl-atti deciza fit-28 ta' Settembru 2017 giet deciza kontrihom. Ghalhekk, bl-ebda mod ma jista' jigi dedott, li Clayton Farrugia huwa ezonerat mill-Mandat ta' Sekwestru in kwistjoni, *stante* li hu kien parti fil-proceduri Kostituzzjoni fejn gie deciz il-kaz (89/14) (JZM). *Di piu`*, ma jirrizulta mkien minn dawk l-atti, li Clayton Farrugia ddisassocja ruhu mill-genituri tieghu b'referenza ghat-talbiet dedotti f'dak il-kaz jew irrinunzja ghall-pussess.

Ladarba jirrizulta, li r-rikorrenti ezekutanti ghad ghandhom il-pussess, din il-Qorti hija tal-fehma li hemm bazi *prima facie* ghaz-zamma fis-sehh tal-Mandat ta' Sekwestru in kwistjoni, kemm fuq bazi tan-ness guridiku li nzamm kontrihom, kif ukoll fuq konsiderazzjoni tal-jedd li qed tivvanta l-ezekutanti.

Illi mix-xhieda fl-atti ta' dan il-kaz irrizulta li Angelo Farrugia kien halla lil Josephine Farrugia tkompli tirrisjedi fil-fond *de quo* wara s-separazzjoni personali taghhom. Kif tilmenta l-ezekutanti, hu stess agixxa bi pussess fuq il-fond tant li

dahal f'*negotium* ma' martu fuqu. Dan, tkompli issotni, huwa *res inter alios acta* ghaliha.

Jigi osservat li kien biss f'dawn l-atti li r-rikorrenti ezekutati ddikjaraw li m'ghadhomx joqghodu fl-imsemmi fond. Dan il-punt ma giex sollevat precedentement. Inoltre` l-pussess *de facto* u legali ghadu vestit fir-rikorrenti ezekutati ghaliex ghad ma rritornawx ic-cwievet ghalkemm ivvakaw l-imsemmi fond. Ghalhekk, *in vista* tas-suespost, din il-Qorti ssib li hemm *prima facie* dritt biex il-Mandat ta' sekwestru numru 953/2018 jinzamm fis-sehh.

Fil-kawza **"Casino-For-Me Limited vs Chartwell Games (Malta) Limited"** (P.A. (A.L.) 5 ta' Settembru 2008 inghad li bid-disposizzjoni tal-**artikolu 836 (1) (d)** dak li ghandu jigi ezaminat huwa jekk mad-daqqa t'ghajn ir-rikorrenti ezekutant ghandux bazi ta' pretensjoni ("fumus juris"). Persuna ghandha dritt li tikkawtela l-interessi taghha u dan sakemm il-pretensjoni dwar id-dritt sostantiv tigi eppurata u deciza fil-kawza proprja bejn il-partijiet. Fil-kaz in ezami, din il-Qorti ghar-ragunijiet fuq imsemmija, tqies li l-ezekutata uriet dan il-jedd. Ir-ragunijiet dedotti mir-rikorrenti odjerni jappartjenu ghall-investigazzjoni fuq il-mertu tal-kawza u jipprexxindu mill-indagni odjerna, kif gja fuq premess.

Illi dak li jirrigwarda l-**artikolu 836(1)(f)**, din il-Qorti kif diversament preseduta fil-kaz "**Spiteri vs Darmanin**" – P.A. (JRM) deciza fil-25 ta' Awwissu 2010 ma hallietx dubju dwar l-interpretazzjoni korretta ta' dan is-subartiklu u rriteniet: *"Illi jinghad ukoll li d-dispozizzjoni tal-ligi taht ezami timplika li,* ***wara l-hrug ta' mandat****, tkun tbiddlet xi cirkostanza li*

*minhabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa' (ghal kollox jew in parti) fis-sehh*. (Ara **"Dr. Tonio Fenech noe. Vs Dr. Patrick Spiteri et noe.** – P.A. (GC) ta' 3 Awwissu 2001). Din it-tifsira tohrog mill-kliem jinzamm u aktar mehtieg li jinsabu fl-imsemmija disposizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiggustifika l-hrug u z-zamma fis-sehh tal-Mandat issa m'ghadux il-kaz."

*In visto* ta' dak premess, ma jirrizultax li sar xi tibdil fil-mori tal-hrug tal-mandat li tista' tixxejjen in-ness guridiku bejn l-ezekutanti u r-rikorrenti odjerni. Kwindi dan is-subartikolu wkoll mhuwiex applikabbli.

**Art 838A**

Illi r-rikorrenti qed jitolbu li l-ezekutanti Josephine Azzopardi ghandha tigi ordnata taghti garanzija ekwivalenti ghall-ammont minnha mitlub u jekk ma tiddepozitahx jew ggib garanzija bankarja, l-istess mandat ma jibqax fis-sehh.

Illi l-Qorti hija tal-fehma li r-rimedju tal-ghoti tal-garanzija huwa alternattiv ghat-talba ta' thassir tal-mandat, u anzi jista' jinghata biss jekk kemm-il darba t-talba ghat-thassir tal-Mandat ma tintlaqax kollha jew imqar in parti, jigifieri sakemm il-mandat ikun b'xi mod ghadu fis-sehh. (Ara **"Joseph Demicoli vs Coleiro General Supplies Ltd."** – P.A. (RCP) 30 ta' Mejju 2002. Li kieku ma kienx hekk, l-ahhar erba' kelmiet tal-artikolu partikolari kienu jkunu ddahlu fil-ligi ghalxejn.

Kif irriteniet il-Qorti fil-proceduri **Mediterranean Film Studios vs Galea et** (30.6.2000), il-fatt wahdu li jkun inhareg mandat m'huwiex sufficjenti sabiex tigi gustifikata l-imposizzjoni ta' garanzija. Ir-ragunijiet iridu jkunu gravi u impellenti.

*"Ta' min jghid hawnhekk li l-ordni biex tinghata garanzija m'hijiex l-istess bhal kundanna ta' penali jew kundanna ghall-hlas ta' danni: l-ghan wahdieni taghha huwa li tqieghed lill-parti ezekutata f'qaghda li, meta u jekk tibda proceduri ghal dan il-ghan, issib assi li fuqhom tkun tista' tesegwixxi decizjoni favorevoli ghaliha."*

Illi fil-kaz odjern, tqies li l-ezekutanti kull ma ghamlet kienet li agixxiet biex tikkawtela l-pretensjonijiet taghha u ma jidhirx li kien hemm xi abbuz, f'dan l-istadju, mill-istess procedura.

Kwindi tichad it-talba.

Fid-dawl tal-premess, din il-Qorti ser tghaddi biex tichad it-talbiet tar-rikorrenti ezekutati bhala infondati fil-fatt u fid-dritt.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi tichad it-talbiet tar-rikorrenti ezekutati *stante* li infondati fil-fatt u fid-dritt u tikkonferma l-Mandat ta' Sekwestru numru 953/2018.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.**

**DEGRETAT.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**16 ta' Mejju 2019**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**16 ta' Mejju 2019**